KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

TAS-SLIEMA

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 17

Is-sittax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret fis-sala tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallave Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*17.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*17.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*17.5 Rapporti*
*17.6 Ġnien Bonello DePuis*
*17.7 Sergio Faglia Case*
*17.8 Bars, Beaches u Nightclubs*
*17.9 Items oħra ta' xoghol tal-Kunsill;*
*17.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*17.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*17.12 Mozzjonijiet*
*17.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

**17.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

17.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsillier D.Muscat ma setax jattendi minħabba x-xogħol.

**17.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

17.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali. *Minuti nru 16*

17.2.2 B'referenza għall-punt nru. 16.2.6 is-Sindku qal illi l-MTA daħlu biss għas-sanitization tal-Public Conveniences u mhux għat-tindif. Waqt diskussjonijiet kien hemm qbil illi l-P.C's ta' Ġnien Independenza jibqgħu miftuħin siegħa extra. Rigward il-P.C's ta' FerroBay, Exiles u QSS hemm kuntrattur ieħor illi qed jieħu ħsieb sakemm ikun hemm tender.
Il-kunsillier J.Pillow qal illi isir li hemm bzonn anka rigward il-ħinijiet issa li deħlin għas-sajf. Kien hemm qbil.

17.2.3 Il-kunsillier J.Pillow ipprepara rapport dwar it-tabelli kollha li hemm fil-lokalita biex ikun hemm database fuq xiex naħdmu biex nixtru tabelli ġodda fejn hemm bzonn. Qal illi b'kollox hemm 1139 tabelli fil-lokalita waqt illi hemm ħafna minnhom illi qegħdin hemm għal xejn u għandom jitneħħew. Qal illi fl-opinjoni tiegħu għandna mmorru għal dawn magħmulin bil-fiber.
Il-kunsilliera rringrazzjaw lil J.Pillow għax-xogħol tiegħu.

**Il-kunsillier P.P.Portelli daħal għal-laqgħa fis-6.42pm**

17.2.4 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Minuti nru 16 jiġu approvati. Il-kunsillier A.Debono issekondaħ. Il-Kunsill qabel. *Approvazzjoni tal-Minuti nru. 16.*

## 17.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

17.3.1 Is-Sindku ħareġ il-pjanti tal-proġett illi se ssir f'triq il-Kbira k/m Ġorġ Borg Oliver fejn qal illi hemm il-ħsieb illi neħilsu minn danger spot, waqt illi inżidu l-ammont ta' parkeġġ fl-area. *High street*

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn ta' konsultazzjoni man-nies illi jgħixu fl-akwati la hemm il-ħsieb illi teqleb it-traffic flow ta' triq il-Kbira, Ġorg Borg Oliver u triq il-Vittorja. Żied illi se tkun problema għal dawk illi jixtiequ jidħlu triq A.Mercieca izda fil-prinċpju kien hemm qbil unanimu mall-ħsieb illi din isir.

17.3.2 Ma' punt 17.3.1 il-kunsillier A.Debono staqsa jekk se ssir iz-zebra crossing ta' Tower Road li kienet se ssir fejn Luigi Camilleri. Is-Sindku qal illi peress illi bħalissa Don Rua inbiddlet għal one way ma jixtieqx illi din tinbiddel ukoll fl-istess ħin

17.3.3 Is-Sindku ta update fuq il-proġett ta' Pjazza Annunzjata fejn spjega li se jkun hemm bzonn ineħħu 4 postijiet ta' parkeġġ illi huma hemm mingħajr l-ebda approvazzjoni izda li provdejna opinjoni biex dawn isiru f'postijiet oħra bħala parti mill-proġett. Żied illi bħala Kunsill ktibna li se naqblu mall-proġett bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm effett fuq il-parking, waqt illi fl-ebda ħin m'għandom joħorġu imwejjed u siġġijiet ħlief għaċ-ċirkostanzi li jiġu approvati minn naħa tal-Kunsill. *Annunciation Sqr*

Il-kunsillier P.P.Portelli qal illi sfortunatament in-nies jaraw biss il-parking u għandna nagħtu l-informazzjoni fuq kull proġett bl-izjed mod sensibli biex inġibu n-nies 'on board'.

17.3.4 Waqt diskussjoni kien hemm qbil illi l-Kunsill jassisti lill-baned f'kull pellegrinaġġ li tkun marbuta għall-festi matul is-sena waqt illi kien hemm qbil ukoll illi tinxtara kull 'standard' Il-kunsillier A.Debono qal illi se jagħti kuntatti lill-kunsillier P.P.Portelli biex jiġbor l-istimi biex jieħu ħsieb dan. *Festi*

17.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ stima li rċieva għall-mejda ġdida biex jkun hemm izjed kumdita waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Waqra diskussjoni ma kienx hemm qbil illi tinxtara waħda PVC izda minflok nixtru waħda extendible u tal-injam [pine]. *Mejda għall-Bord room*

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino talab biex ikun skuzat għall-ħabta ta' 19:30. Fl-istess ħin il-kunsillier P.P.Portelli telaq mill-kamra għall ftit minuti.**

**17.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

**TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

17.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**17.5 RAPPORTI**

17.5.1 Is-S.E qara l-Admin Report. Il-kunsillier J.Pillow irrimarka li l-lista ta' kunsilliera għandom ikunu skond kif ġew eletti. Ma kien hemm l-ebda kummenti oħra fuq ir-rapport. *Admin Report*

**17.6 ĠNIEN BONELLO DEPUIS**

17.6.1 Is-Sindku qal illi waqt illi kien hemm ftehim mall-MIDI rigward il-Planning Gain biex tintuza fuq il-Playing Field illi hemm fil-ġnien, kien hemm appell kontra l-permess illi affetwat l-affarijiet. Qal illi waqt illi l-proġett kien se jieqaf, il-kunsillier J.Pillow ippersista u saru arranġamenti biex il-kumpanija tikkonferma l-ordni tal-Playing Equipment ta' 2 sezzjonijiet. Jiġri x'jiġri rigward l-applikazzjoni, dawn ix-xogħolijiet se jsiru baħal CSR u diġa ħarġu P.O għall-affarijiet. Manutenzjoni wkoll se taqa f'idejhom u ta dan kollu rringrazzja lis-sur J.Pillow.

17.6.2 Mall-istess punt qal illi hemm sezzjonijiet illi għandna nieħdu ħsieb aħna bħala Kunsill Lokali u hawnhekk talab lill-Kunsill għall-approvazzjoni biex nixtru sett ta' bandli anħa fuq it-turf. Kien hemm qbil unanimu.

## 17.7 SERGIO FAGLIA CASE

17.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellu jirċievi informazzjoni mingħand l-avukat tal-persuna sa qabel il-laqgħa izda ma rċieva xejn. Reġa ta rendikont ta' dak illi ġara u kien hemm qbil mall-punt li qajjem il-kunsillier P.Radmilli illi insostnu li l-Promenade ma taqax taħtna la qatt ma ġiet devoluta lilna.

## 17.8 BARS,BEACHES U NIGHTCLUBS

17.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm ħafna ilmenti fuq storbju u perikli minħabba l-lidos li hemm mimlijin nies. Fakkar illi nies li forsi kienu jmorru PV u l-Belt issa saru jiffrekwentaw dawn il-postijiet li huma f'postijiet residenzjali wkoll u xtaq illi nagħmlu xi ħaġa bħala Kunsill. Fl-istess ħin irringrazzja lis-Sindku talli kien diġa għamel kommunikazzjoni mall-pulizija fuqha.

17.8.2 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dawn il-bars/lidos huma bil-permessi izda qajjem il-punt illi dawn il-permessi fl-istess ħin ħarġu kontra l-liġi

**Il-kunsillier D.Soler telaq fid-9pm**

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil illi l-laqgħa titkompla.**

## 17.9 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

17.9.1 Il-kunsillier J.Pillow ilmenta li hemm funtani li ilhom snin ma jaħdmu. Is-Sindku qal illi vera mdejjaq bis-sitwazzjoni la m'hemmx riżultati avolja bdew ix-xogħolijiet. .

17.9.2 Ma punt 17.9.1 il-kunsillier J.Pillow qal illi ċerti xogħolijiet mhumiex qegħdin isiru mill-MTA fuq il-Promenade. Is-Sindku qal illi l-parti l-kbira tal-lampi saru. Staqsa wkoll x'jista jsir la niddependu fuqhom biex isiru dawn ix-xogħolijiet. Qal illi biex inġorru r-responsabbilta aħna hemm eluf kbar ta' spejjez u fakkar illi anqas għandna devoluzzjoni.

17.9.3 Ġie diskuss il-perikli li hemm fl-area ta' Għar id-Dud. Se tintbagħat

emajl lil Works Dep.

17.9.4 Il-kunsillier K.Wain qajjem il-punt illi hemm RESERVED parking ġewwa triq Melita fejn qal illi mhux sew li taw parkeġġ u mhux pulizija lil min għamel it-talba. Qal illi għandna naraw li ssir studju fuq ir-RESERVED kollha li hemm fil-lokalita.Ma kienx hemm kummenti oħra mill-kunsilliera.

17.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm impjegata li issa għalqet sitt snin taħdem mall-Kunsill, effettivament mill-1 ta' Lulju, u tista titla skala jekk ikun hemm qbil illi nifthu opening għall-iskala u tapplika. Il-Kunsill approva li tinfetaħ is-sejħa.

17.9.6 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar il-bins. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi inxtraw xi ftit izda kien hemm mistoqsijiet fejn isiru għax fuq il-lista hemm ħafna postijiet fejn wieħed ma ikkonsidrax il-karaterristiċi tat-triq/bankina/problemi li kien hemm fil-passat ma min joqgħod hemm.

17.9.7 Is-Sindku fakkar illi mhux kull kunsillier ta l-lista tat-toroq li lest jissorvelja għall-knis.

17.9.8 Il-kunsillier I.Fenech staqsiet fuq il-magħdum ta' fejn is-siġar tal-area tat-Taormina. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saret laqgħa mall-MTA/FTZD u dawn se jsiru.

17.9.9 Il-kunsillier A.Debono staqsa fuq id-dar li hemm triq San Enriku li għada miftuħa berah anka wara l-inċident illi kien hemm. Is-Sindku qal illi ingħalqet bl-injam u li għandna niktbu għal darb'oħra lillpulizija jew nagħmlu ħajt madwarha.

17.9.10 Il-kunsillier A.Debono staqsa dwar il-Christmas Decorations. Ġie deċiż illi naħdmu l-istess mod bħas-sena l-oħra waqt illi fil-kumitat se jkun hemm A.Debono, I.Fenech, V.G.Pace u P.P.Portelli.

17.9.11 Il-kunsillier P.P.Portelli ta rendikont ta dak illi qed jiġri fuq facebook fejn qal fejn qed ikun l-iktar likes/shares u attivita u fejn sostna li għandna fost l-izjed paġni attivi. Irringrazzja wkoll lill-membri tal-istaff illi għallem dwar kif għandom juzaw il-paġna tagħna u li qegħdin jieħdu ħsieb ix-xogħol.

17.9.12 Is-Sindku rringrazzja lil dawk kollha li taw assistenza meta tneħħew il-boulders ta' Qui Si Sana.

17.9.13 Il-Viċi Sindku talbet li jsiru tabelli li jgħidu li klieb m'għandomx jitħallew jiġru waħedhom fejn il-baħar.

17.9.14 Il-kunsillier J.Pillow staqsa jekk il-Contracts Manager qed jara Construction Sites. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi waqt illi fil-kuntratt kien hemm miktub illi jista jmur jarahom jekk il-Kunsill jibgħat talba, dan se jittieħed mill-ftit sigħat illi għandna bħalissa. Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li toħroġ tender biex wieħed idur dawn is-siti ta' kostruzzjoni u irid ikun xi ħadd bl-esperjenza u li għandu mutur.

**Il-kunsillier P.Portelli u I.Fenech telqu fl-9.50pm**

17.9.15 Il-kunsillier J.Pillow ilmenta fuq ix-xogħolijiet illi qegħdin isiru minn naħa tal-Go, kif ukoll l-islabs li ħallew imkissrin mall-Promenade.

17.9.16 Rigward tender tal-Perit is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi fil-passat kien hemm qbil illi nibdew insibu wieħed għal kull proġett.

17.9.17 Il-kunsillier J.Pillow qal għandna nibagħtu lil EneMalta dwar il-fanali tagħhom illi għadom ma sarux.

17.9.18 Il-kunsillier J.Pillow qal illi bozzoz Central Hanging huma għoljin ħafna u għandna nuzaw stock antik fejn possibli.

17.9.19 Il-kunsillier J.Pillow fakkar dwar it-ticket booths. Qal illi avolja l-Kunsill ħareġ kommunikazzjoni sfortunatament ma ħadux azzjoni.

17.9.20 Il-kunsillier J.Pillow fakkar illi hemm kundizzjoni għall-ħasil tat-toroq wara l-festi u għandna notifikaw lill-kuntrattur li mhix se ssir dis-sena. Is-Sindku qal illi xorta jħoss illi das-servizz għanda ssir.

## 17.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

17.10.1 Il-kunsillier P.Radmilli ta rendikont tar-4 laqgħa li saret tal-kumitat tal-fondi. Qal illi bħala UIF issa hemm massimu ta' €7miljun u mhux €5miljun. Ippropona wkoll illi nduru NGO's aħna u ma

nistennewx sakemm jiġu huma ħalli naraw li nieħdu 100% tal-fondi. Ippropona li niddentifikaw dawn l-NGO's lokali sall-aħħar t'Awwissu u naqsmuhom fost dawk li huma taħt il-paroċċi u 'oħrajn'.

17.10.2 Il-kunsillier J.Pillow staqsa min għandu jieħu ħsieb l-ispejjez profesjsonali. Il-kunsillir P.Radmilli qal illi min ikun qed imexxi l-proġett għandu jġorrhom.

## 17.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

17.11.1 Il-kunsillier A.Debono ippropona li l-PAS tiġi approvata. Il-kunsillier K.Wain ssekonda l-proposta. Il-Kunsill qabel.

## 17.12 MOZZJONIJIET

17.12.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 17.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

17.13.1 Is-seduta ntemmet fl-22.30. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 3 t' Awwissu 2020.

Minuti approvati llum nhar it-Tnejn 3 t'Awissu 2020

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**